



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.1.2021
C(2021) 254 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.1.2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kriterji u kundizzjonijiet speċifiċi għall-verifiki tal-kontijiet dokumentarji fil-qafas tal-kontrolli uffiċjali fil-produzzjoni organika u l-kontrolli uffiċjali tal-gruppi ta' operaturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Wara l-adozzjoni tar-regolament organiku l-ġdid, li se jiġi applikat fl-1 ta' Jannar 2022, jeħtieġ li jiġi adottat regolament delegat li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-kontrolli uffiċjali billi jiġu stabbiliti aktar regoli dwar it-traċċabilità u l-verifiki tal-bilanċ tal-massa kif ukoll dwar il-kontrolli speċifiċi fuq il-gruppi ta' operaturi. Is-settur organiku jeħtieġ iċ-ċertezza tad-dritt dwar ir-regoli li se japplikaw għal dawn iż-żewġ kwistjonijiet u l-Istati Membri jeħtieġu biżżejjed żmien biex jintegraw dawn ir-regoli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-att ġie diskuss bir-reqqa mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Produzzjoni Organika kif ukoll mal-organizzazzjonijiet ewlenin li jirrappreżentaw is-settur organiku, jiġifieri l-IFOAM, il-COPA-COGECA u l-EOCC. Waqt l-abbozzar ta' dawn ir-regoli, id-DĠ AGRI kkoopera mill-qrib ma' Direttorati Ġenerali oħra fil-qasam tal-għarfien espert speċifiku tagħhom. Is-sħab tad-WTO ġew innotifikati u twettqu konsultazzjonijiet pubbliċi ġenerali.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali biex tiġi żgurata t-traċċabilità tal-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-preparazzjoni u tad-distribuzzjoni u biex jiġu żgurati l-kontrolli xierqa mwettqa fuq il-gruppi ta' operaturi.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.1.2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kriterji u kundizzjonijiet speċifiċi għall-verifiki tal-kontijiet dokumentarji fil-qafas tal-kontrolli uffiċjali fil-produzzjoni organika u l-kontrolli uffiċjali tal-gruppi ta' operaturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 38(8)(a)(i) u (ii) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-produzzjoni organika, jeħtieġ jiġu stabbiliti kriterji u kundizzjonijiet speċifiċi għat-twertiq tal-kontrolli uffiċjali magħmula biex tiġi żgurata t-traċċabilità fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-preparazzjoni u tad-distribuzzjoni, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispezzjoni fiżika fuq il-post tal-operaturi jew tal-gruppi ta' operaturi organiċi kif imsemmi fl-Artikolu 38(3) ta' dak ir-Regolament. Sabiex tkun effettiva, dik l-ispezzjoni fiżika fuq il-post jenħtieġ li minn tal-inqas tinkludi verifika tat-traċċabilità u verifika tal-bilanċ tal-massa permezz ta' verifiki tal-kontijiet dokumentarji. Il-verifika tat-traċċabilità hija maħsuba biex tikkonferma jekk il-prodotti riċevuti jew mibgħuta mill-operatur jew mill-grupp ta' operaturi humiex organiċi jew fil-fażi ta' konverżjoni. L-għan tal-verifika tal-bilanċ tal-massa hu li jiġi ddeterminat il-bilanċ bejn l-input u l-produzzjoni tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi u b'mod partikolari, il-plawżibilità tal-volumi nneozjati ta' prodotti organiċi jew fil-fażi ta' konverżjoni. L-elementi li jeħtieġ jiġu koperti mill-verifika tat-traċċabilità u mill-verifika tal-bilanċ tal-massa jenħtieġ li jiġu stabbiliti.
- (2) Għall-fini tal-kontrolli uffiċjali, il-kunċett tal-grupp ta' operaturi kif stabbilit fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 jikkonsisti minn kategorija speċifika ta' operaturi li huma bdiewa jew operaturi li jipproduċu l-algi jew l-annimali tal-akkwakultura u li barra minn hekk jistgħu jkunu involuti fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni u fit-tqegħid fis-suq tal-ikel jew tal-għalf. Kull grupp ta' operaturi jeħtieġ jistabbilixxi sistema għall-kontrolli interni (ICS) li tinkludi sett dokumentat ta' attivitajiet ta' kontroll. L-awtorità kompetenti, jew meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, jenħtieġ li jkunu kwalifikati kif xieraq biex jivvalutaw l-ICS u jwettqu l-ispezzjonijiet mill-ġdid fuq kampjun ibbażat fuq ir-riskju tal-membri tal-grupp ta' operaturi sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar il-konformità ġenerali tal-grupp. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-kompetenza tal-awtorità

¹ ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

kompetenti jew, meta xieraq, tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll, biex tiġi vvalutata dik il-kompożizzjoni speċifika tal-operaturi fi grupp kif ukoll l-ICS, għal qafas armonizzat għall-valutazzjoni tal-ICS u għall-għażla tal-kampjun tal-membri għall-ispezzjonijiet mill-ġdid.

- (3) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Verifiki ta' kontijiet dokumentarji

1. L-ispezzjoni fiżika fuq il-post skont l-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandha tinkludi verifika tat-traċċabilità u verifika tal-bilanċ tal-massa tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi mwettqa permezz ta' verifiki tal-kontijiet dokumentarji.
2. L-awtorità kompetenti, meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom iwettqu l-verifika tat-traċċabilità u l-verifika tal-bilanċ tal-massa skont il-mudell standard dokumentat fir-rekord miktub imsemmi fl-Artikolu 38(6) tar-Regolament (UE) 2018/848.
3. Għall-fini tal-verifika tat-traċċabilità u l-verifika tal-bilanċ tal-massa, l-għażla tal-prodotti, tal-gruppi ta' prodotti u tal-perjodu taħt verifika għandha ssir abbażi tar-riskju.
4. Il-verifika tat-traċċabilità għandha tkopri mill-inqas l-elementi li ġejjin, iġġustifikati minn dokumenti xierqa inkluż ir-rekords tal-istokk u dawk finanzjarji:
 - (a) l-isem u l-indirizz tal-fornitur u, meta dawn ikunu differenti, tas-sid jew tal-bejjieġh, jew l-esportatur tal-prodotti;
 - (b) l-isem u l-indirizz tad-destinatarju u, meta dawn ikunu differenti, tal-bejjieġh jew tal-importatur tal-prodotti;
 - (c) iċ-ċertifikat tal-fornitur f'konformità mal-Artikolu 35(6) tar-Regolament (UE) 2018/848;
 - (d) l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-punt 2.1. tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/848;
 - (e) l-identifikazzjoni xierqa tal-lott.
5. Meta rilevanti, il-verifika tal-bilanċ tal-massa għandha tkopri mill-inqas l-elementi li ġejjin, iġġustifikati minn dokumenti xierqa inkluż ir-rekords tal-istokk u dawk finanzjarji:
 - (a) in-natura u l-kwantitajiet tal-prodotti kkonsenjati lill-unità u, meta rilevanti, tal-materjali mixtrija u l-użu tat-tali materjali u, meta rilevanti, il-kompożizzjoni tal-prodotti;
 - (b) in-natura u l-kwantitajiet tal-prodotti maħżuna fil-postijiet;
 - (c) in-natura u l-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ħallew l-unità tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi lejn il-postijiet jew il-faċilitajiet tal-ħżin tad-destinatarju;
 - (d) f'każ li l-operaturi li jixtru u jbigħu l-prodott(i) mingħajr ma jimmanipulaw il-prodott(i), in-natura u l-kwantitajiet tal-prodotti li nxtraw jew nbiegħu, u l-

- fornituri, u meta dawn ikunu differenti, il-bejjiegħa jew l-esportaturi u x-xerrejja, u meta dawn ikunu differenti, id-destinatarji;
- (e) ir-rendiment tal-prodotti miksuba, miġbura jew maħsuda tul is-sena preċedenti;
 - (f) ir-rendiment reali tal-prodotti miksuba, miġbura jew maħsuda tul is-sena kurrenti;
 - (g) in-numru u/jew il-piż fil-każ ta' bhejjem ġestiti tul is-sena kurrenti u dik preċedenti;
 - (h) kull telf, żieda jew tnaqqis fil-kwantità tal-prodotti fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-preparazzjoni u tad-distribuzzjoni;
 - (i) il-prodotti organiċi jew fil-każi ta' konverżjoni li jinbiegħu fis-suq bħala mhux organiċi.

Artikolu 2

Kontrolli uffiċjali tal-gruppi ta' operaturi

1. Sabiex jiċċertifikaw u jivverifikaw il-konformità ta' grupp ta' operaturi, l-awtorità kompetenti u, meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, għandhom jassenjaw spetturi kompetenti biex jivvalutaw is-sistemi għall-kontrolli interni (ICS).
2. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-istabbiliment, tal-funzjonament u taż-żamma tal-ICS ta' grupp ta' operaturi, l-awtorità kompetenti jew, meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, għandhom mill-inqas jiddeterminaw li:
 - (a) il-proċeduri dokumentati tal-ICS li ddaħħlu fis-seħħ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848;
 - (b) il-lista tal-membri tal-grupp ta' operaturi bl-informazzjoni meħtieġa għal kull membru hija aġġornata kontinwament u allinjata mal-ambitu taċ-ċertifikat;
 - (c) il-membri kollha tal-grupp ta' operaturi jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 36(1)(a), (b) u (e) tar-Regolament (UE) 2018/848 matul il-parteċipazzjoni tagħhom fil-grupp ta' operaturi;
 - (d) in-numru, it-taħriġ u l-kompetenzi tal-ispetturi tal-ICS huma proporzjonati u adegwati u l-ispetturi tal-ICS ma għandhomx kunflitti ta' interess;
 - (e) l-ispezzjonijiet interni tal-membri kollha tal-grupp ta' operaturi u l-attivitajiet u l-unitajiet jew il-postijiet tal-produzzjoni tagħhom, inkluż iċ-ċentri tax-xiri u tal-ġbir, twettqu mill-inqas darba fis-sena u huma ddokumentati;
 - (f) membri ġodda jew unitajiet ta' produzzjoni ġodda jew attivitajiet ġodda ta' membri eżistenti, inkluż iċ-ċentri tax-xiri u tal-ġbir ġodda, ġew aċċettati biss wara li ġew approvati mill-maniġer tal-ICS abbażi tar-rapport ta' spezzjoni interna skont il-proċeduri dokumentati tal-ICS li ddaħħlu fis-seħħ;
 - (g) il-maniġer tal-ICS jieħu l-miżuri xierqa f'każ ta' nonkonformità, inkluż is-segwitu tagħhom, skont il-proċeduri ddokumentati tal-ICS li tqiegħdu fis-seħħ;
 - (h) in-notifiki tal-maniġer tal-ICS lill-awtorità kompetenti jew, meta xieraq, lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll, huma xierqa u biżżejjed;

- (i) it-traċċabilità interna għall-prodotti u l-membri kollha tal-grupp ta' operaturi hija żgurata billi jiġu stmati l-kwantitajiet u billi ssir kontroverifika tar-rendimenti ta' kull membru tal-grupp ta' operaturi;
 - (j) il-membri tal-grupp ta' operaturi jirċievu taħriġ adegwat dwar il-proċeduri tal-ICS u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/848.
3. L-awtorità kompetenti jew, meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, għandhom japplikaw valutazzjoni tar-riskju biex jagħżlu kampjun tal-membri tal-grupp ta' operaturi għall-ispezzjonijiet mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 38(4)(d) tar-Regolament (UE) 2018/848. Meta jsir dan, għandhom iqisu mill-inqas il-volum u l-valur tal-produzzjoni u l-valutazzjoni tal-probabbilità tan-nonkonformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/848. L-ispezzjonijiet mill-ġdid għandhom jitwettqu fiżikament fuq il-post fil-preżenza tal-membri magħżula.
 4. L-awtorità kompetenti jew, meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, għandhom jallokaw żmien raġonevoli għall-kontroll ta' grupp ta' operaturi, proporzjonat mat-tip, mal-istruttura, mad-daqs, mal-prodotti, mal-attivitajiet u mal-produzzjoni tal-produzzjoni organika tal-grupp ta' operaturi.
 5. L-awtorità kompetenti, jew meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, għandhom iwettqu awditi ta' osservazzjoni sabiex jiġu verifikati l-kompetenza u l-għarfien tal-ispetturi tal-ICS.
 6. L-awtorità kompetenti jew, meta xieraq, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll, għandhom jivvalutaw jekk hemmx nuqqas tal-ICS abbażi tan-numru ta' nonkonformitajiet mhux individwati mill-ispetturi tal-ICS u r-riżultat tal-investigazzjoni tal-kawża u tan-natura tan-nonkonformitajiet.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.1.2021

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN